**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Abraham Zammit)

**vs**

**Francis Muscat**

Illum 29 ta` Marzu 2001

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Francis Muscat ta` 34 sena, bin Carmelo u theresa Zahra, imwieled Pieta` fis-27 ta` Mejju 1965 u joqghod 'Johngulja', Triq Mikielang sapiano, Mqabba, ID 259165 (M).

1. Talli fis-7 ta` Mejju 1999 ghall-habta tas-2.45 pm., f`Hal-Luqa,, attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b`hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 480 Carmelo Diacono, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita`

kompetenti billi hebbejt ghal PC 480 Carmelo Diaconi u kkagunajtlu ferita ta` natura hafifa kif iccertifika Dr George Abela mill-Paola Health Centre.

2. Talli ingurjajt u heddidt lil PC 480 Carmelo diacono persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jagheml jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

3. Indhalt fid-doveri tal-pulizija waqt Ii kien jezercita l-ligi.

4. Qal kliem li jikkonsisti f`dagha u kliem oxxen fil-pubbliku.

5. Naqas li jghati il-partikularitajiet tieghu lil pulizija meta kien mitlub.

6. Waddab Traffic Offence Ticket mal-art u b`hekk irrendejt it-triq mahmuga.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li ta`  il-kunsens tieghu fil-15 ta` Dicembru 1999 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fl-istess jum l-akkuzat ma joggezzjonax li l-kaz eighu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament inkluza dik tal-akkuzat.

Rat id-dokumenti esibit u l-atti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi fis-7 ta` Mejju 1999 l-akkuzat kien qieghed isuq van Isuzu bin-numru ABD-961, fi Triq Sant`Andrija, Luqa, ftit minuti qabel is-2.45 pm., fejn ma kienx suppost jidhol dak il-hin.

Qala` biljett minn ghand PC 480 Carmelo Diacono. Dan tal-ahhar, wara li ha l-particulars, qallu biex isuq u hekk ghamel.

Izda wara lli saq, waqaf ftit il-fuq mill-iskola ta` Hal-Luqa, nizel mill-van, qasam it-triq, mar fejn gnien fil-qrib, jistenna lil pulizija li kien harrku biex jara "ghalfejn kien ghamillu citazzjoni u lil haddiehor le" (ara stqarrija tal-akkuzat). Skond l-akkuzat kien hemm zewg karozzi ohra li ghamlu bhalu u ma qalghux biljett. Dan assumih hu.

Ma kellux ghalfejn joqghod jistenna il-pulizija. Seta` ha passi skond il-ligi jekk hekk dehrlu. Meta wasal il-pulizija

hdejh, qatta l-biljett f`wicc l-istess pulizija u beda jitkellem hazin. Tefa` l-biljett fl-art. Il-kuntistabbli talbu l-particulars mill-gdid biex iharrku talli tefa` l-biljett fl-art (din hija l-procedura li timxi fuqha l-pulizija u giet accettata mill-qorti taghna). L-akkuzat dawn ma tahomx. Il-Pulizija mar lejn il-van fejn l-akkuzat kien diga rikeb. Il-bieba tal-van ka il-hin kienet ghadha miftuha.

Hu car mill-istqarrija tal-akkuzat u mix-xhieda minnu moghtija li ried sodisfazzjoni. Il-pulizija Diacono gie lejn il-bieba u l-van. Il-pulizija qala diversi daqqiet bil-bieba. Il-Qorti li semghet ix-xhieda ma tistghax temmen lill-akkuzat li l-pulizija 'Gidu minn gewwa l-van." Il-van hu gholi u l-akkuzat ghandu statura…….. L-akkuzat nizel malajr minn gol-van u hekk sofra xi griehi. Ta daqqa ta` ponn lil pulizija li sofra griehi hfief (xhieda Dottor Gunther Abela, fol.24) Il-Pulizija iddefenda ruhu u telaq jigri lejn l-ghassa.

L-akkuzat hu responsabbli ghal dak li gara. Allahres kull min jaqla biljett joqghod jistenna il-pulizjija involut biex jiehu sodisfazzjoni.

Ghalhekk issibu hati tat-tieni akkuza, tar-raba` (kliem oxxen biss), tal-hames u tas-sitt akkuza, u tilliberah mill-ohrajn.

Rat l-Artikoli 95 (1)(3), 221 (1), 17 (d), 214, 215, 221 338 (g), tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 206. Rat ukoll l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Minhabba l-kondotta aktarx nadifa tal-akkuzat ser tapplika l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. Tikkundanna lill-hati **tlett (3) xhur prigunerija liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta` sena** mill-lum il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija. Qed tispjega bi kliem car ir-responsabilita` tieghu skond il-ligi.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, tilqa` t-talba u torbot il-hati **b`obbligazzjoni** tieghu innifsu that penali ta` mitt lira maltija (Lm100) ghal sena mill-lum biex bl-ebda mod ma jimmolesta lil PC 480 Carmelo Diacono.

Vera kopja. Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.